# QORTI TAL-APPELL
# (Sede Inferjuri)
# Għawdex

**Onorevoli Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 2/2014**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri**
**datata 8 ta' Lulju, 2022**

**Charles Grech li jeżerċita l-kummerċ taħt l-isem C. Grech Marbles**

**vs.**

**Joseph sive Joe Grima**

**Illum 18 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti;**

1. Illi dan huwa appell minn deċizjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri datata 8 ta' Lulju, 2022 fejn ġie deċiż kif isegwi:

'Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha.

Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva ta' tmint elef ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,541.28) in kwantu s-somma ta' tmint elef tliet mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,341.28) rappreżentanti parti minn somma akbar għall-fornitura tal-materjal u s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180) rappreżentanti ħlas ta' xafra.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.'

2. Illi s-sentenza appellata ngħatat wara li l-appellat rikorrent Charles Grech li jeżerċita' l-kummerċ taħt l-isem C. Grech Marbles Marbles talab li l-intimat jiġi kundannat iħallas is-somma ta' tmint elef ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€ 8,541.28) konsistenti, in kwantu għas-somma ta' tmint elef tliet mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,341.28) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar għall-materjal ta' rħam mibjugħ u supplit lilu u in kwantu għas-somma ta' mija u tmenin ewro

(€180) rappreżentanti prezz ta' *cutting blade* mibjugħa lilu u supplita, bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-istess intimat.

Fir-risposta tiegħu l-intimat Joseph sive Joe Grima eċċepixxa illi l-ammont pretiż ma huwiex dovut u dana stante illi:

(i) 'Parti mill-materjal konsenjat ma huwiex tal-kwalità pattwita u di fatti l-esponenti Joseph Grima qiegħed jippreżenta kontestwalment ma' dina r-risposta ċedola ta' depożitu li permezz tagħha qed jiddepożita taħt l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti parti mill-materjal ossia porfido kkonsenjat lilu;

(ii) Illi inoltre, l-*cutting blade* provduta hija adatta għall-qtugħ tal-granit u mhux għall-qtugħ tal-porfido bħalma talab l-esponenti Joe Grima stante li l-istess *cutting blade* kellha tintuża għax-xogħlijiet waqt it-tqegħid tal-imsemmi porfido mibjugħ minn Grech;

(iii) Illi inoltre, l-esponenti ukoll għandu bilanċ ieħor a favur tiegħu u dana versu xogħlijiet oħrajn ħżiena li saru a benefiċċju tiegħu mir-rikorrenti Grech liema xogħlijiet jikkonsistu f'*kitchen top* liema materjal lanqas kien tal-kwalità pattwita u di fatti diġà żviluppa ħafna difetti fih.'

4. Rat illi l-intimat Joseph Grima appella mid-deċizjoni u ressaq prinċipalment aggravju wieħed fejn ma jaqbilx mal-applikazzjoni li l-ewwel Qorti tat lill-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* stante li jsostni li injorat għal kollox li r-rikorrent appellat naqas milli jiprovdi materjal skont it-teknitalitajiet miftehema bejn il-partijiet kemm fir-rigward tal-materjal porfido kif ukoll fir-rigward tax-xafra. Isostni li abbażi ta' dan il-principju t-talbiet tar-rikorrent appellat kellhom jiġu miċħuda u mhux milqugħa. L-appellant talab għalhekk li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat appellant tiċħad it-talbiet tar-rikorrent appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

5. Rat illi l-appellat wieġeb għall-appell billi sostna li fil-mertu d-deċizjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita li tiġi konfermata stante li l-ewwel Qorti applikat korrettement il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* in vista li kien l-istess intimat li kkonferma li l-materjal kien wieħed tajjeb u ma rnexxielux jipprova l-eċċezzjonijjiet tiegħu fejn sostna li l-materjal ma kienx tal-kwalita' pattwita.

6. L-appellat preżenta wkoll appell inċidentali limitatament għal dik il-parti tal-imgħax fejn isostni li l-ewwel Qorti naqset li tiddeċiedi dwar il-ħlas tal-imgħax legali u dan minkejja li ressaq tali talba fir-rikors promotur. Jitlob għalhekk li din il-Qorti tagħti deċizjoni wkoll fuq l-imgħax li skont ir-rikorrent appellat għandu jibda jiddekorri mid-data tal-ftehim cioe' s-27 ta' Marzu, 2013.

L-intimat bħala risposta għall-appell inċidentali jsostni li dan m'għandux jintlaqa għar-raġuni li huwa għandu flus maqbuda u depożitati l-Qorti in garanzija ta' dak pretiż mir-rikorrent kif ukoll preżenta formalment il-materjal difettuż sa mill-bidu nett tal-kawża.

7. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2022 u ddifferiet l-appell għad-deċiżjoni għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha kif isegwi:

'Irriżulta mill-provi li l-partijiet għamlu konoxxenza fuq il-lant tax-xogħol meta l-attur forna rħam għaz-zuntier tal-Knisja f'San Lawrenz Għawdex. Il-konvenut, kuntrattur, rebaħ *tender* sabiex jagħmel il-pavimentar tal-isqaqien ġewwa San Lawrenz Għawdex. Skont it-*tender*, il-konvenut kien meħtieġ jagħmel dan il-pavimentar b'materjal speċifiku u skont il-qisien u ħxuna speċifikatament indikati fuq it-*tender*. Għal dan il-għan il-konvenut inkariga lill-attur sabiex jipprovdih bil-materjal meħtieġ. L-attur ordna l-materjal mingħand Porfido Italia u ħallas minn butu għall-fornitura tal-materjal. Il-materjal wasal f'Malta u ġie konsenjat lill-konvenut.

L-ammont komplessiv tal-materjal kollu provdut lill-konvenut kien fis-somma ta' tlieta u erbgħin elf tliet mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€43,341.28). L-attur provda wkoll lill-konvenut b'xafra li taqta' l-materjal supplit. Kif jidher mir-riċevuta relattiva, din kienet tiswa mija u tmenin ewro ( €180).

Fl-atti ġie ppreżentat dokument iffirmat mill-partijiet liema dokument jirrifletti konferma tal-konsenja. Il-konvenut u ibnu kkonfermaw li l-firem fuq l-att a fol. 119 huma l-firem tagħhom. L-attur jgħid illi dakinhar tal-konsenja l-konvenut u partikolarment ibnu Jeffrey Grima, ikkonfermaw li rċevew l-ammont meħtieġ u anki l-qisien tal-materjal. Jgħid ukoll li kkonfermaw li l-materjal per se kien tajjeb u skont kif miftiehem tant li fuq id-dokument a fol. 119 inkiteb '*Ok*'. Jeffrey Grima xehed li l-kelma '*Ok*' hija fil-kalligrafija tiegħu biss ma jiftakarx għaliex iffirma. Jgħid illi dik il-ħabta kien student u kien imur jgħin lil missieru meta mitlub biss. Xehed ukoll li ffirma kif qallu missieru biss ma jiftakarx għaliex kien qiegħed jiffirma.

Dakinhar tal-konsenja l-konvenut għadda lill-attur pagament in parte fl-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000).

L-attur xehed illi l-partijiet qablu li l-konvenut jagħmel il-verifiki tiegħu inkluż bl-għajnuna ta' perit li jiċċertifika li l-materjal suppliet kien skont kif miftiehem. Il-konsenja saret fil-jum tas-Sibt u l-partijiet ftiehmu li sal-jum tal-Erbgħa l-konvenut kellu jikkonferma li kien sodisfatt bil-materjal. L-attur xehed illi l-konvenut ikkonfermalu bil-fomm illi l-materjal kien tajjeb u skont kif miftiehem.

Il-partijiet resqu sabiex fil-preżenza tal-Avukat Dottor Joseph Grima jiffirmaw bejniethom kostituzzjoni ta' debitu dwar l-ammonti dovuti lill-attur mill-konvenut. Tajjeb jingħad li dan l-att li kopja tiegħu hija esebita fl-atti ma jidhirx illi huwa datat. Dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim il-konvenut għadda lill-attur pagament fis-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000) akkont tal-prezz.

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut ma kkontestax ix-xhieda tal-attur għar-rigward il-fatt li huwa minnu li kien ikkonferma li l-materjal kien tajjeb. Madanakollu żied jgħid illi ma kienx possibbli għalih illi jivverifika l-materjal mal-konsenja u dan għaliex kien hemm b'total ta' erba' (4) *containers* materjal li kien distribwit fuq numru ta' pallets li kull waħda kienet imgeżwra fil-plastik. Spjega illi fil-ħin tal-konsenja setgħu jaraw il-materjal minn ġol-plastik trasparenti biss dak li raw

kien il-materjal tal-faċċata u mhux dak illi kien fuq in-naħa ta' ġewwa. Issokta jgħid illi l-materjal baqa' mgeżwer sal-mument meta sar il-waqt illi jintuża u kien proprju f'dan il-mument illi ntebaħ li l-materjal mhux kollu kien tal-kwalità pattwita. Spjega li kien hemm materjal b'qisien differenti minn dawk miftiehma u li saħansitra kien hemm materjal li mat-tqegħid beda jinqasam u li għalhekk ma setax jintuża għall-iskop li għalih ġie akkwistat.

Il-konvenut xehed li informa lill-attur dwar id-difetti li sab. Saħansitra informa wkoll lis-segretarja tal-attur. Kollox sar bil-fomm. L-attur mill-banda l-oħra xehed li l-konvenut baqa' qatt ma qal xejn dwar difetti fil-materjal. Jgħid illi kien biss wara li l-attur talab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-konvenut li l-konvenut beda jilmenta minn materjal difettuż. Mill-atti jidher li kien biss fis-17 ta' Settembru 2013 li l-konvenut, tramite l-Avukat tiegħu, għarraf lis-segretarja tal-attur permezz ta' *e-mail* li l-materjal kien difettuż u talab għalhekk laqgħa sabiex jittransiġu.

In vista tad-difetti li allegatament sab, il-konvenut għażel li ma jkomplix iħallas lill-attur b'tant li għad fadal jitħallas bilanċ komplessiv ta' tmint elef ħames mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,541.28) in kwantu s-somma ta' tmint elef tliet mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,341.28) rappreżentanti parti minn somma akbar għall-fornitura tal-materjal u s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180) rappreżentanti ħlas ta' xafra.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tas-somma ta' tmint elef tliet mija u wieħed u erbgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€8,341.28).

Il-konvenut mill-banda l-oħra jgħid illi dan l-ammont mhuwiex dovut għar-raġuni li l-materjal kien difettuż.

Fil-kors tal-proċeduri l-konvenut għamilha ċara li l-kwistjoni ma tittrattax il-materjal kollu fornit lilu mill-attur iżda biss materjal f'kejl komplessiv ta' mitt (100) metru kwadru.

Il-Qorti qieset sewwa dak illi rriżulta mix-xhieda partikolarment ir-raġunament tal-konvenut li baqa' ma ħallasx id-dovut. Il-konvenut xehed illi hu ma ħallasx għaliex jippretendi li l-bilanċ rimanenti għandu jiġi kanċellat bi tpaċija mal-materjal allegatament difettuż u max-xafra li ma kinitx fil-qisien mitluba mill-konvenut bil-konsegwenza li ma setax jużaha.

Bħala fatt, minkejja l-allegazzjonijiet minnu lanċjati għar-rigward il-kwalità mhux skont kif pattwita, il-konvenut sal-lum għadu ma ħax passi fil-konfront tal-attur sabiex jindirizza l-ilment tiegħu. L-uniku azzjoni li ħa kienet dik li minn jeddu jagħżel li ma jħallasx il-bilanċ dovut.

Rigward l-ilment tal-konvenut li l-materjal kien difettuż hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-kawża tal-lum mhuwiex il-lok addattat fejn jiġi indirizzat l-ilment tal-konvenut dwar difetti moħbija. Huwa minnu li huma dawn l-allegati difetti li wasslu għas-sitwazzjoni tal-lum, biss, jekk il-konvenut ħassu aggravat bil-kwalità fornita lilu, kien messu indirizza l-kwistjoni fil-waqt opportun permezz ta' proċeduri appożiti kif stabbiliti mil-liġi. Dan però l-konvenut għażel li m'għamlux. Mhux hekk biss, il-konvenut lanqas imqar fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri ma ressaq kontrotalba għat-talbiet attriċi.

Fil-kuntest taċ-ċirkostanzi speċifiċi li jagħmlu l-bażi tal-vertenza odjerna, il-Qorti għandha quddiemha ftehim verbali, mhux kontestat, għall-fornitura ta' kwantità ta' madum. Il-partijiet ftiehmu fuq it-teknikalitajiet u anki fuq il-prezz u eventwalment, saħansitra wara li kienet diġà saret il-konsenja, il-partijiet iffirmaw bejniethom kostituzzjoni ta' debitu għall-ammont komplessivament dovut.

Abbażi tal-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*, din il-Qorti ma tistax ħlief tagħti raġun lill-attur u tiddikjara li l-konvenut għandu jħallas għall-materjal fornit lilu aktar u aktar meta *nonostante* l-lamentali tiegħu l-

konvenut għadu fil-pussess kemm tal-materjal allegatament difettuż kif ukoll tax-xafra. Tirribadixxi, li jekk il-konvenut iħossu aggravat bil-kwalità tal-fornitura, dan l-ilment għandu jiġi indirizzat kif titlob il-liġi mhux billi l-attur jieħu l-liġi b'idejh.'

Konsegwenti għas-suespost l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

9. Illi ghal dak li jirrigwarda l-appell tal-intimat Grima huwa jissostanzja l-aggravju tiegħu abbażi tas-segwenti:

a) Illi l-ewwel Qorti injorat l-obbligi wkoll tal-bejjiegħ meta applikat il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*. Isostni li l-Qorti ma setgħetx tapplika l-prinċipju tal-ħlas mingħajr ma tapplika wkoll l-obbligu li kellu li jforni materjal tal-kwalita' pattwita skont il-ftehim;

b) Jagħmel referenza għan-nota tiegħu fl-atti esebita a fol. 50 tal-proċess li fiha jelenka r-raġunijiet għalfejn iqis li l-porfido konsenjat lilu ma huwiex tal-kwalita' pattwita kif isegwi:

'(i) parti mill-madum innifsu huwa ħafna aktar ħafif ossia jiżen inqas (għandu *density* inqas) min-normal;
(ii) uħud mill-madum jinqasam f'layers (flakes);
(iii) madum ieħor saħansitra jixpakka waqt li jkun qed jitpoġġa meta ħafna minn dan l-istess madum hu intiż biex minn fuqu jgħaddu vetturi u trakkijiet;

(iv) uħud mill-madum bħala qies huwa żgħir wisq biex jitpoġġa. Di fatt id-dawra ta' barra ossia dik il-parti viżibbli tal-*pallet* kienet madum ta' daqs aċċettabbli u n-nofs kien mimbli b'madum ta' qisien ferm iżgħar.'

Iżid li dawn id-difetti nkixfu meta nfetħu uħud mill-pallets u ma kienux viżibbli minn barrra bil-pallets ippakkjati.

c) L-appellant jenfasizza li kienet l-ewwel Qorti stess li fid-deċiżjoni tagħha kkonkludiet li l-partijiet ftiehmu fuq it-teknikalitajiet u anki fuq il-prezz.

d) Finalment dwar ix-xafra jsostni li din qatt ma kienet parti mill-ftehim oriġinali u m'għandux jiġi mġiegħel iħallas ta' xafra li ma taqbilx mal-magna tal-istess appellant.

10. Illi minn dak suespost il-Qorti fehmet li l-lanjanza prinċipali tal-appellant hija li l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-eċċezzjonijiet tiegħu fl-atti odjerni, li permezz tagħhom qajjem il-kwistjoni tan-nuqqas ta' kwalita' pattwita tal-materjal ma kinux biżżejjed u li skont l-ewwel Qorti l-appellant kellu jieħu passi legali separati sabiex iqajjem din il-kwistjoni fil-konfront tar-rikorrent.

Din il-Qorti rat, a kuntrarju ta' dak dikjarat mill-ewwel Qorti, li l-intimat malli ġie notifikat bil-kawża għadda sabiex permezz ta' ċedola

jiddepożita formalment il-materjal fil-Qorti. Għalhekk ma jistax jingħad li ma hax passi dwar l-istess. Rat ukoll li effettivament l-intimat permezz tal-Avukat tiegħu qajjem il-kwistjoni dwar il-materjal difettuz permezz ta' e-mail da parti tal-Avukat tiegħu qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna. Din il-Qorti tqis li l-kwistjoni prinċipali li kellha tgħarbel l-ewwel Qorti ma kienx jekk l-intimat ħax passi ulterjuri iżda jekk hux minnu li l-materjal konsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita' kif allegat stante li dan kien parti integrali tal-ftehim *pacta sunt servanda* bejn il-partijiet (ara l-ftehim bil-miktub a fol. 114 et seq tal-proċess li jispeċifika wkoll il-materjal permezz ta' skeda).

Illi din il-Qorti kellha hi stess l-opportunita' li taċċedi fuq il-post (ara verbal tal-aċċess datat 26 ta' Jannar, 2018 a fol. 396 tal-proċess) fejn kien qed jinżamm il-materjal meta kienet għadha tipresjedi l-Qorti tal-Maġistrati u tiftakar ben tajjeb li ġiet murija materjal li ma kienx tal-istess daqs tal-maġġoranza l-oħra tal-materjal u wkoll materjal li kien jitkisser u jitfarrak mix-xejn. Din hija evidenza ċara li almenu parti mill-materjal konsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita. Il-Qorti setgħet ukoll tikkonstata l-mod kif il-materjal kien ippakkjat fuq il-pallets b'dana li huwa minnu li l-materjal maħżun fin-nofs ma setax jiġi kkonstatat qabel ma' fil-fatt jitneħħa l-plastik mill-pallet u l-materjal jiġi żarmat mill-istess, proċedura li ssir waqt li jkun qed isir ix-xogħol u mhux qabel. Inoltre l-Qorti tifhem li erba' kontejners (ara xhieda ta' Mark Schembri fol. 42) xogħol ma setax jiġi kollu verifikat pallet, pallet waqt il-konsenja wisq anqas qabel ma dawn jinħattu waħda waħda u

l-materjal jibda jiġi użat. Jonqos iżda li din il-Qorti tara jekk ġiex stabilit fl-atti tal-ewwel Qorti l-ammont ta' materjal li effettivament ma kienx tal-kwalita' pattwita u l-valur tal-istess komparat mat-talba tar-rikorrent.

Il-Qorti rat mill-atti li sa mill-bidu kien hemm problemi sabiex l-intimat jibda jħallas lir-rikorrent u dan joħroġ ċar mix-xhieda tal-istess rikorrent u wkoll ta' xhieda ħaddiema tal-istess. Jirriżulta wkoll li skont ir-rikorrent l-ewwel ilment dwar il-materjal ħażin sar madwar ħames xhur wara l-konsenja.

Mix-xhieda tal-Perit Ivana Farrugia a fol. 67 et seq tal-proċess joħroġ li effettivament l-intimat Grima rnexxielu jagħmel l-isqaqien kollha li kien imqabbad jagħmel permezz tat-*tender* in kwistjoni bil-materjal pattwit b'dana li allura f'dawn l-isqaqien il-materjal jirriżulta li kien wieħed tajjeb. Dan joħroġ ukoll mix-xhieda ta' persuni oħra involuti fosthom is-Sindku tal-lokalita' ta' San Lawrenz Noel Formosa.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni ta' Porfidi Italia 2000 datata 25 ta' Marzu, 2014 (cioe' wara li ġiet intavolata l-kawża odjerna) li tiddikjara sempliċement:

'In reference to our invoice nr.56 dated 14/04/2013, we declare that the porphyry tiles are first quality.'

Il-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha esebita a fol. 117 et seq tal-proċess li tikkonsisti fiċ-ċertifikazzjonijiet tax-xogħlijiet li saru fl-isqaqien in kwistjoni bil-materjal kontestat bejn il-partijiet. Rat minn e–mail datata 24 ta' April, 2015 a fol. 245 et seq tal-proċess li l-uniku ilment li tressaq mill-Perit Ivana Farrugia kien kif isegwi:

'Recent inspections by the undersigned have in fact confirmed the inferior quality of the hardstone used prior to May 2013. It was in fact noted that this hardstone tends to darken and be susceptible to algal growth in sheltered, damp areas whereas the originally approved (and subsequently laid) hardstone does not.'

Il-Qorti tirrileva li għalkemm jidher li kien hemm ilment dwar xi materjal impoġġi dan mhux wieħed mid-difetti li jsemmi l-intimat fil-proċeduri odjerni. Rat iċ-ċertifikati finali ta' 'compliance' a fol. 284 et seq tal-proċess li jġibu d-data tal-20 ta' Jannar, 2015 li jevidenzjaw lil din il-Qorti li x-xogħol sar sew u bil-materjal skont it-*tender.*

Rat mix-xhieda ta' iben l-intimat Jeffrey Grima li għalkemm hu kien jaħdem kultant ma' missieru l-intimat, missieru semmielu l-ewwel darba xi difetti fil-materjal profido biss meta sar il-mandat ta' sekwestru kontra tiegħu in relazzjoni ma' din il-kawża (ara fol. 309). Jikkonferma wkoll li kull meta kien ikun xogħol hu x-xogħol dejjem mexa normali.

L-intimat fix-xhieda tiegħu a fol. 318 et seq tal-proċess, dwar il-materjal jgħid li dak il-materjal li ma kienx iddanneġġjat huwa użah u dak danneġġjat ma użahx u 'ghadu hemm sal-lum'. Isostni li għad baqalu tlett (3) pallets sħaħ u mistoqsi x'kien hemm ħażin fihom jispjega:

'Barra kien skond il-qies, skond kif suppost, u ġewwa kien hemm koċċ biċċiet żgħar daqshekk u madum maqsum.'

Jgħid li mill-ewwel pallets li fetħu sabu l-problemi u li hu informa r-rikorrent. Iżid li informa wkoll lis-segretarja. Jispjega li d-*damages* kienu fil-*crazy pattern* u jgħid li hu ma qallux li mhux tajjeb imma li hemm id-*damages.* Jispjega iżda li l-isqaqien ma kinux kollha *crazy pattern* allura ma jistax jgħid meta ndunaw eżatt għalkemm imbagħad jgħid li fi żmien xahrejn wara l-pagament tal-għoxrin elf Euro lir-rikorrent f'Mejju. Iżid li kien hemm ukoll problemi b'madum ieħor 30 x 30 u 60 x 60 għaliex ir-rikorrent flok ordna 'split' ordna 'sawn' iżda jispjega li din il-problema kienet qabel saret il-konsenja u mhijiex in kontestazzjoni fil-kawża odjerna. Jixhed a fol. 334 li sabiex seta' jkompli x-xogħol bil-*crazy pattern* kellu jġib konsenja oħra hu stess minn 'supplier' differenti. Il-Qorti tqis li allura dan jispjega r-raġuni kif ix-xoghol fit-*tender* xorta waħda tlesta kif suespost.

F'e-mail tal-avukat tal-intimat datata 17 ta Settembru, 2013 (fol. 336) cioe' qabel infethet il-kawża odjerna, il-Qorti rat li effettivament

jingħad li l-intimat informa lill-Avukat li fil-kors tax-xogħlijiet instabu xi difetti fil-materjal u għalhekk stieden lir-rikorrent sabiex jivverifikahom hu stess u jkunu jistgħu jikkonfermaw il-pendenzi.

A fol. 349 et seq l-intimat jispjega li meta ġie biex jaħdem bil-*crazy pattern* huwa ġibed l-attenzjoni tar-rikorrent li l-materjal kien ħafif u żgħir u ma setgħax jaħdem bih u dan għamlu permezz tal-Avukat. Jgħid li nterpellah biex jitla' Għawdex biex jitkellmu dwar il-problema iżda hu baqa qatt ma tela'. Iżid li allura kellem lill-Avukat u prova jasal billi l-bilanċ li skont l-intimat kien ta' madwar sebat' elef (€7,000) jinqata bħala tpaċija għall-materjal ħażin konsenjat u minflok irċieva l-kawża odjerna. Jispjega wkoll li mhux il-*crazy pattern* kollu kien ħażin u li dak li seta jpoġġi poġġih.

Rat a fol. 384 tal-process il-*pro forma invoice* għas-somma ta' €10,000 li l-intimat isostni li permezz tagħha huwa ordna l-*crazy paving* li kien jonqsu sabiex jagħlaq il-proġett. Il-Qorti rat li din l-*invoice* (datata 19 ta' Marzu, 2015) għal dak li hu *crazy paving* tindika biss is-somma ta' sitt mitt Euro (€600) u bħala kwantita' tmenin metru kwadru. It-tieni invoice datata 23 ta' Marzu, 2015 a fol. 385 tindika somma ulterjuri ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) għall-kwantita ta' mitejn metru kwadru *crazy paving*. Il-Qorti tinnota li għalkemm dawn l-*invoices* iġibu data wara li nfethet il-kawża odjerna jirriżulta li x-xogħlijiet kienu għadhom għaddejjin fil-mori tal-kawża tant li l-*Final Acceptance Certificate* iġib id-data tal-20 ta' Awwissu, 2015 (ara fol. 284 et seq).

Rat li fil-verbal tas-26 ta' Jannar, 2018, wara li sar l-aċċess sabiex jiġi verifikat il-materjal minn din l-istess Qorti, l-Avukat tal-intimat kien iddikjara li l-ammont ta' materjal in kontestazzjoni huwa dak ta' madwar mija u għoxrin metru kwadru li jġib il-valur ta' tlett elef mija u erbgħa u sebgħin Euro (€3174). Rat li a fol. 455 et seq l-intimat preżenta nota b'dokumentazzjoni sabiex jevidenzja l-*crazy paving* li kellu jerġa' jordna biex ilesti x-xogħol f'San Lawrenz liema dokumentazzjoni turi ammonti ferm akbar mis-somma ta' tlett elef mija u erbgħa u sebgħin Euro (€3174) pretiża mill-intimat. Fil-verbal tal-20 ta' Marzu, 2019 l-Avukat tal-intimat għamel referenza għan-nota datata 15 ta' Marzu, 2019 u ddikjara li minnha jirriżulta li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija ta' mitt metru kwadru porfido.

Rat li a fol. 440 et seq tal-proċess ir-rikorrent Charles Grech ikkonferma li mal-konsenja l-partijiet ma setgħux jiċċekkjaw id-'density' cioe' s-saħħa tal-materjal iżda biss id-daqs tal-pallet. Jikkonferma wkoll li x-xogħol maħżun f'nofs il-pallet wieħed ma setax jarah u tista' tikkonfermah biss x'ħin tiftaħ il-pallet.

10. Illi b'referenza għat-tielet eċċezzjoni li tagħmel referenza għal xogħol ħażin konsistenti f'kitchen top il-Qorti rat li dan jissemma bħala li jrid jinbidel f'e-mail tal-Avukat Joseph Grech datata 3 ta' Settembru, 2013 (fol. 123). Issegwi e-mail datata 17 ta' Settembru, 2013 (fol. 336)

fejn ukoll jissemma li jonqos ix-xogħol fuq il-bank tal-kċina. Fil-bqija l-Qorti ma sabet l-ebda prova oħra dwar din l-eċċezzjoni fl-atti.

11. Illi dwar il-kwistjoni tax-xafra r-rikorrent jixhed li l-partijiet ftehmu dwarha wara li gia kien wasal u ġie konsenjat il-materjal (ara xhieda ta' Charles Grech a fol. 10 et seq tal-proċess). Jirriżulta għalhekk li huwa minnu li ż-żewġ transazzjonijiet ma kinux parti mill-istess ftehim kif jidher li fehmet l-ewwel Qorti. Skont ir-rikorrent din id-diska kienet apposta għal granit bħal porfido li huwa granit u li saħanistra min ikkonsenja d-diska lill-intimat rah jaħdem biha u ma lmenta xejn miegħu dwarha (ara x-xhieda ta' James Farrugia a fol. 31 et seq tal-proċess).

Rat a fol. 113 l-*invoice* dwar din il-'cutting blade' a fol. 113 tal-proċess fis-somma ta' mija u tmenin Euro (€180.00). Rat li fuq din l-*invoice* ma ġiex indikat id-daqs tax-xafra.

Fix-xhieda tiegħu l-intimat a fol. 317 et seq isostni li x-xafra baqgħet għandu għaliex ir-rikorrent qatt ma mar għaliha għalkemm hu qallu. Jixhed ukoll li hu kien informa lir-rikorrent dakinhar li lill-persuna li nzerta li kien pulizija u li wassallu x-xafra għan-nom tar-rikorrent li ma kinitx tajba għaliex hu ordna xafra ta' 35 cm u hu bagħat xafra ta' 38 cm. Jixhed li hu informa lir-rikorrenti permezz tat-telefon, bil-vuċi, xi jumejn wara. Jispjega li meta tela' l-persuna biha ma kienx ta x-xafra lilu iżda lill-ħaddiema tiegħu.

A fol. 350 l-intimat ibiddel il-verżjoni għaliex jgħid li huwa talab lir-rikorrenti xafra ta' dijametru massimu 30 u huwa tah waħda ta' 35. Jgħid li huwa prova jirritornaha lir-rikorrenti iżda dan ma ħadhiex u li għadha ppakkjata ġol-kartuna.

A fol. 389 ir-rikorrenti in kontro-eżami jixhed li probabbilment huwa kkonsenja xafra ta' 350 mm diameter. Jgħid li wara ftit jiem l-intimat ċempillu u qallu li d-diska kienet bomba. Jgħid li l-intimat qatt ma qallu li d-dimensjonijiet tad-diska mhumiex tajbin anzi qallu li taqta' qisa sikkina għaddejja minn ġol-butir.

13. Ikkunsidrat illi minn analiżi tad-deċiżjoni appellata u wkoll mill-provi fl-atti din il-Qorti jirriżultalha li għalkemm fl-atti tressqu provi sodisfaċenti dwar materjal mhux tal-kwalita' pattwita, għal xi raġuni, l-ewwel Qorti injorat għal kollox dawn il-provi. Il-Qorti ma tistax' ma tinnutax li l-ewwel deċiżjoni hija ferm skarna minn analiżi tal-provi mressqa quddiemha sabiex almenu l-partijiet ikollhom sodisfazzjon għalfejn l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet kif espressi fid-deċiżjoni.

Fil-mertu rriżulta mill-atti li l-intimat isostni li l-materjal mhux tal-kwalita' pattwita kien jikkonsisti f'mitt metru kwadru. Il-Qorti rat li għalkemm l-intimat esebixxa diversa dokumentazzjoni biex jipprova jevidenzja kemm swieh il-materjal li huwa kellu jerġa' jordna biex

jirrimpjazza il-*crazy paving* li ma kienx tajjeb biex jitpoġġa, minn din id-dokumentazzjoni ma tirriżultax eżatt is-somma kemm ġie jiswa' l-mitt metru kwadru intiż sabiex jirrimpjazza. Fil-fatt id-dokumentazzjoni esebita turi ammonti ferm akbar. L-intimat iddikjara f'mument minnhom li fi flus il-vertenza kienet fis-somma ta' tlett elef mija u erbgħa u sebgħin Euro (€3174) liema somma iżda ma tressqitx prova konklussiva dwarha. Mill-atti iżda l-Qorti tista' tasal għall-valur ta' mitt metru kwadru *crazy paving* intiż għar-rimpjazz ta' dak difettuż u dan billi tagħmel referenza għad-dokument a fol. 385 li jindika li l-kwantita' ta' mitejn metru kwadru *crazy paving* ġiet tiswa' elf u ħames mitt Euro (€1,500). Għalhekk il-valur ta' mitt metru kwadru jiġi nofs dan l-istess ammont cioe' seba' mija u ħamsin Euro (€750). Hija din is-somma li trid titnaqqas mill-ammont dovut lir-rikorrent.

Illi dwar l-eċċezzjoni fir-rigward ta' *kitchen-top* difettuż il-Qorti ma tqisx li tressqu provi biżżejjed sabiex jevidenzjaw kemm li effettivament dan kien difettuż u wkoll il-valur tal-istess sabiex possibilment dan ikun jista' jitnaqqas mill-ammont dovut lir-rikorrent, b'dana li allura din il-vertenza (li hija għal kollox estranea għall-ftehim in kontestazzjoni fil-każ odjern) għandha tibqa impreġudikata bejn il-partijiet.

Illi dwar ix-xafra l-Qorti rat li l-partijiet lanqas qablu bejniethom dwar ta' liema daqs kellha tiġi konsenjata x-xafra in kwistjoni. Ukoll fix-

xhieda tiegħu dwar din ix-xafra l-intimat ikkontradixxa lilu nnifsu diversi drabi b'dana li l-Qorti tqis din il-parti tax-xhieda bħala mhux kredibbli. Jibqa' wkoll il-fatt li l-intimat baqa' qatt ma kkonsenja lura din ix-xafra lir-rikorrent u l-Qorti diffiċilment temmen li verament ir-rikorrent irrifjuta r-ritorn tagħha jekk din kienet għadha fl-istat li ġiet konsenjata. Il-Qorti għalhekk tqis li l-eċċezzjoni tal-intimat dwar l-istess għandha tiġi miċħuda u l-intimat għandu jħallas għal din ix-xafra li issa fuq kollox ilha għandu madwar disa' (9) snin.

14. Illi in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis li l-appell tal-intimat għandu jintlaqa' limitatament billi mis-somma dovuta lir-rikorrent għandha titnaqqas is-somma ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750) fil-bqija l-ammont dovut jiġi konfermat.

14. Illi permezz tal-appell inċidentali tiegħu r-rikorrent jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tiddeċiedi dwar l-imgħax dovut. Dan ifisser li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data li d-deċizjoni ssir *res judicata* sad-data tal-pagament effettiv. Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tordna illi l-imgħax legali jibda jiddekorri mid-data tal-ftehim bejn il-partijiet u cioe' tas-27 ta' Marzu, 2013 u mhux mid-data tad-deċiżjoni.

Il-Qorti ma tqisx li għandha wisq x'ittawwal fuq dan il-punt. Jirriżulta li effettivament is-somma pretiża mir-rikorrent permezz tad-deċiżjoni odjerna qed tiġi mnaqqsa in vista tal-prova li ġie konsenjat materjal li ma kienx tal-kwalita' pattwita. Riżultat ta' dan għal dawn l-aħħar

disa' snin is-somma dovuta lir-rikorrent ma kinitx waħda ċerta, likwida u dovuta u għalhekk il-Qorti ma tistax tordna li jitħallas l-imgħax mid-data indikata mir-rikorrent. Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnotax li din il-kawża twalet ferm fuq numru ta' snin u jirriżulta li ħafna mid-dewmien kien tort tal-partijiet inkluż tal-istess rikorrent. Ir-rikorrent ma għandux jiġi vvantaġġjat riżultat tad-dewmien ikkawżat ukoll minnu. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrent b'dana li l-imgħax fuq l-ammont dovut għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni odjerna.

**Deċizjoni**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta u tiddeċiedi l-appell kif isegwi:**

**Appell:**

**(i) Tilqa' limitatament l-aggravji u cioe' l-appell tal-intimat u tgħaddi sabiex tvarja d-deċizjoni tal-ewwel Qorti billi tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament u tikkundana lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' sebat elef, seba' mija u wieħed u disgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€7791.28) in kwantu s-somma ta' sebat elef, ħames mija u wieħed u disgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€7591.28) rappreżentanti parti minn somma**

**akbar għall-fornitura ta' materjal u eskluż il-valur tal-materjal li rriżulta difettuż u s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180) rappreżentanti ħlas ta' xafra. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat.**

**Appell inċidentali:**

**(ii) Tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrent u tordna li l-imgħax fuq l-ammont dovut jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni odjerna.**

**In vista tal-valur minimu tal-materjal difettuż meta komparat mas-somma kollha li kienet għadha dovuta lir-rikorrent l-ispejjeż tal-proċeduri tal-prim istanza għandhom jitħallsu 7/8 mill-intimat u 1/8 mir-rikorrent. L-ispejjeż tal-appell odjern ukoll għandhom jiġu sopportati 7/8 mill-intimat u 1/8 mir-rikorrent filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jiġu sopportati unikament mir-rikorrent.**

**(ft.) Onor. Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**